

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1189**tad-19 ta' Ġunju 2023****li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-
Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-
Repubblika Demokratika tal-Kongo ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK.
- (2) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 ⁽²⁾ b'rispons għat-tfixkil tal-proċess elettorali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-
Repubblika Demokratika tal-Kongo. Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 emendat id-Deċiżjoni 2010/788/PESK u introduċiet miżuri restrittivi awtonomi fl-Artikolu 3(2) tiegħu.
- (3) Wara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-kawżi T-93/22 ⁽³⁾ u T-94/22 ⁽⁴⁾, il-Kunsill iqis li jenħteġ li jitneħħew żewġ entrati mil-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.
- (4) Għalhekk, jenħteġ li d-Deċiżjoni 2010/788/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

E. BUSCH

⁽¹⁾ ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-
Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336 I, 12.12.2016, p. 7).

⁽³⁾ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023, Ramazani Shadary vs il-Kunsill, T-93/22, ECLI:EU:T:2023:122.

⁽⁴⁾ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023, Mutondo vs il-Kunsill, T-94/22, ECLI:EU:T:2023:120.

ANNEX

L-entrati li ġejjin jiġhassru mil-lista li tinsab fit-Taqsima A ("Persuni") tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK:

“8. Emmanuel Ramazani SHADARY;

9. Kalev MUTONDO.”.
